MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2214/2003

**Bad Boy Cleaning Services Limited**

**Vs**

**Philip Grech I.D. 123345(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm480.13c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut.

Ra r-Risposta li biha l-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub huwa esagerat. Il-konvenut jghid illi l-partijiet kienu ftiehmu ammont verjuri izda wara s-socjeta' attrici pprezentat kont iehor. Jghid ukoll illi kien diga' hareg cekk ghall-ammont miftiehem pero' dan gie rrifjutat.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Charles Barbara li huwa Works Manager mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-istess socjeta' attrici kienet ghamlet xi xoghol ghall-konvenut. Jghid illi huwa kien ftiehem ma' Grech li ghandu jhallas hames liri Maltin (Lm5) fis-siegha flimkien mal-VAT ta' kull persuna kull siegha. Jikkonferma li l-konvenut kien accetta dan u anki ffirma l-ftehim. Jikkonferma wkoll illi kien prezenti meta Grech iffirma l-ftehim.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Degiorgio li huwa d-Direttur tas-socjeta' attrici fejn jikkonferma l-ftehim mal-konvenut. Jghid li s-socjeta' attrici qabel ma tohrog il-kont tara l-karti li gew iffirmati u kemm hadmu sighat. Is-sighat jigu ffirmati mill-konvenut.

Jikkonferma li ma kien hemm ebda lment mill-konvenut dwar ix-xoghol li ghamlet l-istess socjeta' attrici. Il-konvenut ma riedx ihallas l-ammont ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm480.13c).

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma d-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici li huma ffirmati minnu. Jghid illi l-istima originali kienet bejn mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) u tlett mitt lira Maltin (Lm300). Grech jghid illi kien accetta l-istima ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u ghalhekk kien beda x-xoghol.

Jghid ukoll illi Stephen Grech kien mar darba fuq il-post u sab il-haddiema tas-socjeta' attrici ma jahdmux.

Jikkonferma illi hu kien iffirma minghajr ma qara l-ftehim.

Ra x-xhieda ta' Stephen Grech li jigi l-kugin tal-konvenut fejn jghid li ma jafx bil-ftehim bejn il-partijiet pero' kien prezenti ma' Philip Grech. Jghid li darba kien mar il-flat mal-konvenut u kien sab il-haddiema tas-socjeta' attrici jharsu. Wara siegha jghid li regghu marru fuq il-post u raw il-haddiema fil-gallarija.

**Ikkunsidra**

Illi l-partijiet iffirmaw ftehim esebit bhala Dok. BB1 a fol 33 tal-process. Il-konvenut kien iffirma s-*satisfaction notes* fejn ikkonferma li sar ix-xoghol kif suppost. Illi l-konvenut allega li kien sar ftehim iehor dwar l-ammont dovut. Illi la hemm ftehim iffirmat u bil-miktub dan ghandu jigi kkunsidrat bhala ligi bejn il-partijiet. Il-konvenut allega li sab lill-haddiema tas-socjeta' attrici ma jahdmux izda dejjem iffirma d-dokumenti li bihom iddikjara li x-xoghol sar sewwa.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm480.13c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura (16 ta' Gunju, 2003) kontra l-konvenut.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------